**Laqgha Numru 07/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Seba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 20 ta' Mejju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat kienu skuzata.

Ghall-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-14 ta' April 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 06/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.01, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.03, ghall-Minuti 03/K6/2009 item 2.04 u ghall-Minuti 02/K6/2009 item 12.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 01/2009 – Finger / Palm Reader** ghandha tigi analizzata minn persuna teknika qabel tittiehed decizjoni kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li kull membru tal-Kunsill li jaf b'xi persuna teknika f'dan il-qasam kellu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg immedjatament sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li jidher li ma kien hemm l-ebda membru tal-Kunsill li sar jaf b'xi hadd tekniku fuq dan is-suggett u ghalhekk qal li ser jikkomunika ma' persuna li ghamel l-installazzjoni ta' sistema simili izda akbar mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**,** il-kelliem qal li kien informa b'dan lill-kuntrattur li jaf huwa l'imma ghad ma ghandux risposta fuq dan.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.08 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 8.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir attivita' ghat-tfal ta' l-Iskola fejn dawn jigu mistiedna jkunu parti minn delegazzjoni (ghas-spejjez taghhom) sabiex izuru Wales u dan bhal ma diga kien sar fl-imghoddi, is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jaghmel din il-laqgha ma' MEUSAC rigward din l-attivita'. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din il-laqgha ghad trid issir.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.07, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 2.12 u ghall-Minuti 03/K6/2009 item 11.59 rigward l-uniformijiet ta' l-impjegati tal-Kunsill fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-jiem li gejjien kien ser imur jara l-kumpaniji li jipprovdu l-uniformijiet ma' wahda mill-iskrivani minhabba l'issa ghadda hafna zmien u ma kien hemm ebda kuntatt mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, kif ukoll fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li kien ser isib hin biex jakkumpanja huwa wahda mill-impjegati tal-Kunsill biex tintghazel l-uniformi, is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li s'issa dan kien ghadu ma sarx.

**46/1313/09/I** 11/03/2009 — E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar id-dawl fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca informa lis-Sindku li kif ga spjegalu m'ghadhomx dipartiment izda jiffurmaw parti mill-Awtorita' tad-Djar u l-Awtorita' iddeciedew li xoghol irid isir mill-Kunsill.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.08, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 6.69 u ghall-korrispondenza numru **46/1313/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandha ssir konferenza stampa fuq il-post rigward din il-materja u li jkunu nfurmati biha ukoll l-AKL, ir-residenti kif ukoll kull politiku li ghandu lil Pembroke bhala distrett tieghu halli kulhadd ikun jaf x'qed jigri, is-Sindku Joe Zammit rega' tenna li din ghandha ssir fil-jiem li gejjien.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 2.09, ghall-Minuti 04/K6/2009 item 13.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li hemm shade abjad fil-Gnien Jum Pembroke miksur u li sfortunatament m'hawnx bhalu fis-suq u m'ghadux isir kif ukoll kien qal li ghandu jsir iehor minfloku li jehel mal-pole ezistenti, il-kelliem qal li jidher li huwa difficli li jinstab fitting simili.

**46/1940/09/I** — E-mail minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn b'riferenza ghall-ittra tal-

13/04/2009 Kunsill fejn tlabna laqgha mas-Sur Joe Cassar informa l-Kunsill li lest li jiltaqa' maghhom nhar it-23 t'April 2009 fid-9.30am gewwa Cottonera Sports Complex.

**46/1955/09/I** 14/04/2009 E-mail minghand is-Sur Victor Camilleri ta' Pembroke Athleta Athletics Section fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mas-Sur Joe Cassar CEO tal-KMS kien hareg b'zewg proposti sabiex is-Sezzjoni taghti sapport fi progett 'Girls on the Move' u l-progett l-iehor Skola Sport ta' l-Atletika. Talab biex il-Kunsill jikteb ittra lil KMS sabiex tigi stabbilita' Pembroke Local Council Athletic School u fl-ahhar talab biex bhas-soltu nikkonfermaw li se naghtu donazzjoni ghall-maratona li saret fil-5 ta' April 2009.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.04 u ghall-korrispondenza numri **46/1940/09/I u 46/1955/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li l-laqgha ma saritx f'din id-data u ghalhekk kien talab biex il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli meta jkun jista' jaghti data ohra ghal din il-laqgha u kien ippropona ukoll li ghal din il-laqgha jkunu prezenti dirigenti ta' Pembroke Athleta, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-laqgha ghad ma gietx iffissata.

**46/2008/09/I** 16/04/2009 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn baghtu l-iskeda finali tal-elezzjonijiet kif giet imhabbra fir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.19 u ghall-korrispondenza numru **46/2008/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ssir laqgha pubblika ta' taghrif rigward ir-riforma tal-Kunsilli Lokali specjalment rigward id-delegi li ghandu l-Kunsill, il-voti finanzjarji l'inghata l-Kunsill kif ukoll ir-rotta gdida kif proposta mill-Gvern fir-riforma fakkar li din il-laqgha ser ssir wara l-elezzjonijiet ta' l-MEP's.

**46/2037/09/I** 17/04/2009 E-mail mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn talbu l-Kunsill jindika kemm ghandna bzonn hamrija ghal San Patrizju.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.33 fejn is-Sindku Joe Zammit issekonda li meta jkun hemm fondi disponibbli jigu nstallati bandli u li n-nies ta' San Patrizju ghandhom jigu nfurmati b'dan kif ukoll li l-gnien li qed isir fi Triq ANZAC qed isir mill-Gvern u mhux mill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li din ghad trid issir.

**46/2082/09/I** 20/04/2009 Kopja ta' artiklu li deher fuq il-gurnal il-Mument ta' nhar il-Hadd 19 ta' April taht t-titlu Kunsill Lokali Pembroke - Tberbiq ta' flus il-poplu.

**46/2464/09/I** 07/05/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jitlob aktar informazzjoni dwar il-gemellagg propost mal-belt ta' Anning.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.57 u ghall-korrispondenza numri **46/2082/09/I u 46/2464/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrispondi dan l-artiklu fil-jiem li gejjien halli l-Kunsill jara kif ser tisvolgi din it-talba tal-Kunsill ghal zjara fic-China halli jsir iffirmar ta' Patt ta' Hbiberija ma' Anning, is-Sindku Joe Zammit qal li ghad ma kien hemm ebda zvilupp gdid.

**46/2308/09/I** 29/04/2009 Ritratt minn persuna li marret toqghod Bergen fil-Germanja dwar tabella tal-lokalita' li tindika l-isem ta' Pembroke bhala lokal li ghandhom relazzjonijiet mieghu.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.113 u ghall-korrispondenza numru **46/2308/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Kunsill ta' Bergen, il-kelliem qal li dan kien ghadu ma sarx.

**46/2319/09/I** 29/04/2009 Memo 28/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bi skemi dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 8.119 fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li Kunsill Lokali Pembroke jara kif jista' jippartecipa, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li din kienet tlestiet u ghandha tintbaghat fil-jiem li gejjien.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 10.02 fejn rigward il-korsijiet tal-krafts il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li ssir laqgha ghal dawk li kienu applikaw, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din ser issir fil-jiem li gejjien.

2.13. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.04 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li zghazagh minn Wales jigu mistiedna jaghmlu camping fil-lokal ghas-spejjez taghhom, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din l-istedina kienet ghadha ma saritx.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.10 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qalet li taf b'xi NGO Germanizi li qed jaghmlu xi progett li jigbru qtates abbandunati kif ukoll li kienet qalet li ser tipprova tikseb aktar informazzjoni u tirreferi lura lill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li ghad ma waslet l-ebda informazzjoni lill-Kunsill rigward din il-materja kif issuggerita mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 06/K6/2009 item 14.30 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet li l-Kunsill ihallas ghall-biljett ta' l-ajru ghall-mawra li hija kellha f'Roccalumera fejn skond hija kienet waslet ittra stedina li fetah is-Sindku u li kellha tipprezenta lill-Kunsill biex turi li kienet mistiedna sabiex taghmel numru ta' lezzjonijiet bl-ingliz lill-istudenti taljani, Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghad ma gabet l-ebda ittra ufficjali lill-Kunsill rigward din il-materja.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 26/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 06/K6/2009 u 07/K6/2009 **(Ara dokument A), Internal Memo 27/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 06/K6/2009 u 07/K6/2009 **(Ara dokument B)** u Flyer bi stedina ghal zghazagh li jixtiequ jippartecipaw fi programmi ta' l-EU. **(Ara dokument C)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar il-mawra li d-delegazzjoni minn Roccalumera ghamlu f'Malta, il-kelliem qal li nhar l-Erbgha u l-Hamis huwa kien maghhom ghall-konferenza organizzata mill-MEUSAC filwaqt li l-Erbgha filghaxija saret laqgha mad-dirigenti ta' Pembroke Athleta u ma' ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke filwaqt li l-Hamis filghaxija saret laqgha fil-Kunsill mat-tmexxija tac-Centru ta' Matul il-Jum li hawn fil-lokal. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma setghetx tattendi ghall-laqgha tal-Hamis minhabba li kienet stiedent privatament lid-

delegazzjoni ta' Roccalumera d-dar taghha. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien wera x-xewqa li jsir riceviment zghir ghall-membri ta' din id-delegazzjoni izda minhabba li kellhom impenji ohra ghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dan ma setax isir.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-grupp minn Pembroke Dock u Pembroke Town li kienu hawn Malta fil-jiem li ghaddew nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2009 kellhom laqgha mal-Kap u l-Ass. Kap ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo dwar il-possibilita' li jkun hemm zjara f'Wales f'Settembru 2010 kemm ghall-istudenti kif ukoll ghall-genituri taghhom. Il-grupp kellhom ukoll zjara ghand il-Kummissarju Gholi Ingliz. Il-kelliem qal li l-grupp kellhom laqgha ukoll mad-dirigenti tac-Centru ta' Matul il-Jum li hawn fil-lokal.

4.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex jadotta policy dwar kif ghandhom jibdew jissejhu l-laqghat mill-membri tal-Kunsill.

4.05. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ser jadotta policy li meta jkunu ser isiru laqghat minn xi membru elett tal-Kunsill dan ghandu jinforma minn qabel kemm lill-Ufficcju Amministrattiv kif ukoll lis-Sindku. Il-kelliem ippropona ukoll li kemm il-darba l-Kunsillier responsabbli ma jattendix jew jikkancella l-laqgha ghal darbtejn, il-laqgha tkun tista' ssir minn rapprezentant iehor tal-Kunsill.

4.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-8 u l-20 ta' Mejju 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2413/09/I**
06/05/2009
Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna datata 22 ta' April 2009 dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew irrefera ghal memo 6/2008 li baghat kopja taghha.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2413/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li r-risposta tad-dipartiment ghall-ittra ta' direzzjoni mill-Kunsill li tixhed li l-Kunsill m'ghandux jintuza ghall-propaganda politika ta' hadd.

**46/2414/09/I**
06/05/2009
Ittra minghand il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin l-Onor. Tonio Borg fejn informa l-Kunsill li nhar il-Gimgha 15 ta' Mejju fit-8.00pm ser jorganizzaw kuncert b'risq il-vittmi tat-terremot f' L'Aquila u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jaghmel kontribuzzjoni finanzjarja.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2414/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghti kontribuzzjoni ta' €50 lill-fond b'risq il-vittmi ta' Aquila fl-Italja kif irrakkomandat mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

6.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn m'humiex fl-iskeda.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona ukoll li din ghandha ssir jekk id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ma jsibx oggezzjoni.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2422/09/I** 06/05/2009 E-mail minghand il-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) fejn informaw lill-Kunsill li gew informati li fix-xhur li gejjien il-Bird Life Malta ser torganizza seminars ghat-tfal gewwa l-Kunsilli Lokali u jekk ser ikun hemm interpretazzjoni hazina u rapprezentazzjoni zbaljata l-Federazzjoni ser tagixxi.

**46/2639/09/I** 19/05/2009 E-mail minghand Bird Life Malta fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghtu l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) qed jibghatu kjarifka ghall-kummenti mibghuta minnhom u nformaw lill-Kunsill li m'humiex jorganizzaw seminars edukattivi ghat-tfal.

6.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2422/09/I u 46/2639/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2424/09/I** 06/05/2009 E-mail minghand il-Koperattiva Kummerc Gust fejn talbu nimlew il-kwestjonarju anness dwar ‘Fair Trade Public Procurement'.

6.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2424/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jekk huwa possibbli jimla’ dan il-kwestjonarju.

**46/2425/09/I** 06/05/2009 E-mail minghand l-Agenzija Appogg fejn baghtu zewg flyers sabiex jitqassam mal-magazine li johrog il-Kunsill dwar fostering fejn qed jahdmu biex isibu familji lesti li jilqghu temporanjament tfal li jkollhom bzonn iqattghu xi zmien il-boghod mill-familja naturali taghhom.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2425/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill biex iqassam din il-leaflet fid-djar ta’ Pembroke biex forsi r-residenti jithajru aktar ikunu foster families kif mitlub mill-Agenzija Appogg.

6.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2426/09/I** 06/05/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghtu dokumenti dwar il-patt tas-Sindki in konnessjoni mal-laqgha ghas-Sindki u Vici Sindki li ser issir nhar il-Gimgha u s-Sibt 8 u 9 ta' Mejju 2009.

6.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2426/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrefera ghal din il-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki fejn fost affarijiet qal li kien diskuss il-Patt tas-Sindki Ewropej biex ikun iffirmat f’risq l-ambjent sostenibbli. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona biex il-Kunsill ta’ Pembroke juri nteress li jkun firmatarju skond kif diskuss fil-laqgha tas-Sindki.

6.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2437/09/I** Kopja ta' l-ittra li l-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil baghat lis-Sur

07/05/2009 Charles u Carmen Cremona dwar l-incident li soffra fejn qed jirrispingi l-pretensonijiet tieghu minhabba li l-Kunsill m'huwiex responsabbli tat-tappieri tad-dranagg imma hija responsabilita' tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2437/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din kienet risposta ta' l-Avukat ghan-nom tal-Kunsill lis-Sur Charles Cremona rigward l-incident li kellu fi Triq il-Mediterran meta laqat tappiera tad-dranagg.

6.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jibghat ittra ukoll lir-resident koncernat dwar dan.

6.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2438/09/I** 07/05/2009 Kopja ta' l-ittra li l-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil baghat il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta dwar id-danni li sofra s-Sur Giuseppe Cali f'incident li kellu l-fuq mill-lights hdejn is-Sun Rise Inn nhar il-11 t'Ottubru 2008.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2438/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din kienet risposta ta' l-Avukat ghan-nom tal-Kunsill lis-Sur Giuseppe Cali rigward l-incident li kellu fi Triq li ma taqax fil-konfini tal-Kunsill ta' Pembroke.

**46/2439/09/I** 07/05/2009 Agenda tal-laqgha ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke li ser issir nhar il-Hamis 4 ta' Gunju 2009 fl-10.00am gewwa l-Kunsill.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2439/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jilqa' t-talba ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke biex issir laqgha tal-Kumitat ta' l-Ghaqda fl-4 ta' Gunju 2009. Il-kelliem talab li jkun prezenti ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u s-Sindku Joe Zammit.

6.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2440/09/I** 07/05/2009 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn talbu laqgha mal-Kunsill biex jitkellmu dwar diversi punti.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2440/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din il-laqgha tal-Kunsill ma' l-Ghaqda Anzjani biex niddiskutu dawn il-punti ghandha issir fl-4 ta'Gunju fil-laqgha mitluba taghhom stess.

6.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2442/09/I** 07/05/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna dwar assenjar ta' haddiema ta' l-IPSL informa l-Kunsill li ha nota tal-kontenut ta' l-ittra u l-iskema ta' l-IPSL workers ghad trid tigi mgedda.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2442/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kelliem informa lill-Kunsill li minn din l-ittra jidher li l-Kunsill Lokali Pembroke ser jibqa' minghajr haddiema tal-IPSL. Il-kelliem ghalhekk ippropona l'issir ittra ta' protesta

mad-Dipartiment u lill-Ministeru ghax hawn Kunsilli li ghandhom aktar minn haddiem wiehed ta' l-IPSL u Kunsilli bhal ta' Pembroke m'ghandhom xejn.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2444/09/I** 07/05/2009 Ittra mill-Kullegg ta' Stella Maris is-Sinjura Pauline Borg fejn informat lill-Kunsill li hija ghalliema tal-malti u baghtet ittra li kiteb student tal-klassi taghha minn Pembroke fejn baghat ritratti ta' l-Australia Hall u wera x-xewqa li jigi mnaddaf u restawrat il-post.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2444/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din l-ittra ghandha tittiehed fuq livell pozittiv ghax qajmet interess fit-tfal tal-lokal. Il-kelliem informa lill-Kunsill l'apparti milli qal li ser iwiegeb ghal din l-ittra nteressanti hafna halli tinghata l-informazzjoni mitluba, qal li kopja taghha ser jibghata ukoll lill-Kap ta' l-Oppozzizzjoni kif ukoll lill-Prim Ministru biex jaraw li l-kwistjoni fuq dan il-wirt lokali u nazzjonali tinqata' ghal dejjem fl-interess ta' kulhadd. Il-kelliem ippropona ukoll li fuq l-istess suggett ghandha ssir konferenza stampa fil-post ta' White Rocks ghax hawn ukoll meta tisma daqstant diskorsi fuq ambjent u tara l-istat tal-post qal li tithawwad u tahseb.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2445/09/I** 07/05/2009 Ittra mill-Kullegg ta' Stella Maris is-Sinjura Pauline Borg fejn informat lill-Kunsill li hija ghalliema tal-malti u baghtet ittra li kiteb student tal-klassi taghha minn Pembroke fejn baghat ritratti ta' recycling bins ta' Triq Gabriel Henin u qed jissugerixxi li ssir camera biex jinqabad min qed iwaddab il-hmieg madwarhom.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2445/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din l-ittra ghandha ukoll tittiehed fuq livell pozittiv ghax qajmet interess fit-tfal tal-lokal. Il-kelliem informa lill-Kunsill li apparti milli kien ser iwiegeb ghal din l-ittra talab biex il-kuntrattur tal-Kunsill jaghmel zjara kuljum f'dawn is-siti biex jinzammu fi stat ahjar u jisbieh l-ambjent. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jara ukoll jekk hemmx htiega li titranga d-dawra ta' dawn is-siti ta' separazzjoni.

**46/2464/09/I** 07/05/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 21 ta' April 2009 dwar il-gemellagg mal-Belt ta' Anning baghat xi osservazzjonijiet u talab il-kummenti tal-Kunsill kif ukoll revizjoni tar-rendikont tad-dhul u infieq iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv sal-15 ta' Mejju 2009.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2464/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kelliem informa lill-Kunsill li din l-ittra giet imwiegba riferenza 46/2472/09/O.

**46/2485/09/I** 08/05/2009 Ittra mir-residenti ta' St. Andrew's House sabiex titranga l-art tal-konkos.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2485/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fuq talba tar-residenti ta' St. Andrews House ippropona li ghandha tissewwa l-pjazzetta tal-konkos ta' madwar il-blokk u talab biex tintalab kwotazzjoni lill-Kuntrattrur tal-Kunsill biex wara li tasal, il-Kunsill jara jekk hemmx bizzejjed fondi.

6.36. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill diga ghandu din il-kwotazzjoni. **(Ara dokument E)** Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li xoghol simili jista' jaghti l-kaz li jkun ahjar li jsir bit-tarmak minhabba li jservi aktar fit-tul u l-ispiza taf tkun anqas.

6.37. Fuq il-kummenti tas-Segretarju Ezekutti Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tingabar kwotazzjoni biex ix-xoghol issir bit-tarmak. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2486/09/I** 08/05/2009 Ittra minghand E. Calleja & Sons fejn iccertifikaw li l-kumpanija Conmal Ltd. huma sub-contractor ghall-installazzjoni tad-dawl ta' Sit F u baghat id-dettalji taghhom.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2486/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill biex il-Kumpanija E. Calleja & Sons tkun infurmata li l-Kunsill ghamel il-Kuntratt maghhom u mhux ma' Conmal Ltd. u jekk stess il-Conmal Ltd. hija responsabbli lejn E. Calleja & Sons u mhux il-Kunsill. Kull nuqqas fis-sena tax-xoghol u kif mitlub tkun diretta lejn il-Kumpanija E. Calleja & Sons u ghalhekk E. Calleja & Sons ghandha tkun responsabbli ghax-xoghol imwettaq minn Conmal Ltd.

**46/2487/09/I** 08/05/2009 Rapport li sar mill-iskrivani Alison Micallef u Kirsty Rizzo dwar is-sitwazzjonijiet li nqalghu mas-Sur Albert Farrugia l-librar.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2487/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2489/09/I** 08/05/2009 E-mail minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fejn b'riferenza ghal Memo 17/2009 dwar ghajnuna ghall-konferenzi Internazzjonali f'Malta nformaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni ma gietx eligibbli.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2489/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li meta l-Kunsill ikollu konferma tal-grupp ezatt (tal-ECAD) li gej ghall-laqgha Preliminarja f'Settembru l-Kunsill ghandu jitkellem ma' Suzanne Cassar Dimech halli l-Kunsill ikollu materjal dwar Malta biex jinghataw lil dawn id-delegati.

**46/2504/09/I** 11/05/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-e-mail mibghuta mill-AKL talab lis-Segretarju jattendi ghas-sezzjoni nformattiva li ser issir dwar 'EU's Eco Innovation funding Programme 2009 Call for Proposal' u jirraporta fil-laqgha tal-Kunsill.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2504/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg attenda ghal din il-laqgha.

6.43. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-laqgha ntqal li l-Kunsilli m'humiex elegibbli biex japplikaw ghal dawn il-fondi.

**46/2505/09/I** 11/05/2009 E-mail minghand Nature Trust fejn staqsa jekk il-Kunsill giex informat mill-MTA li l-progett ta' Pembroke Park inghata l-permess mill-MEPA.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2505/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li l'issa l-permess inghata, il-Kunsill ghandu jikkomunika ma' dawk kollha koncernati biex izommu lill-Kunsill aggornat bil-process kollu.

6.45. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2506/09/I** 11/05/2009 E-mail minghand Feltom fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar l-istudenti li jigu Malta jitghallmu l-ingliz u qed jissugerixxu li laqgha ssir nhar il-Gimgha 22 ta' Mejju f'12.00pm.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2506/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ma' l-Feltom fit-3:30 pm minhabba mpenji tax-xoghol jew fid-9:00 am il-gimgha d-diehla.

6.48. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2509/09/I** 11/05/2009 E-mail minghand l-AFM fejn baghtu reminder ghall-e-mail li diga baghtu fejn talab laqgha mal-Kunsill b'riferenza ghall-ittra li nbaghtet lilhom dwar tahrig bl-isplussiv fir-ranges ta' Pembroke.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2509/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ma' l-AFM fit-3:30 pm minhabba mpenji tax-xoghol jew fid-9:00 am il-gimgha d-diehla.

6.51. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2512/09/I** 11/05/2009 E-mail minghand il-Kunsill Lokali Mtarfa fejn baghtu stedina ghall-attivita' storika li ser issir fl-Imtarfa fis-17 ta' Mejju 2009.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2512/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fuq l-istess binarju l-Kunsill ghandu jahseb biex jorganizza xi haga simili bhal per ezempju passing out parade and trooping of colours minn rapprezentazzjonijiet militari minn pajjizi li xi darba kienu jahkmu lil Malta. Il-kelliem talab il-permess tal-Kunsill biex jipprepara dettal ta' programm f'dan is-sens ghal diskussjoni l-quddiem.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.55. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2522/09/I** 12/05/2009 E-mail minghand il-Comune di Valledoria fejn talbu l-Kunsill jekk jixtieqx jidhol f'partnership maghhom ghal programm ta' l-EU 'Young in Action'.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2522/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jkun partner ma' Valledoria f'Sardinia ghall-program Young in the World b'involviment taz-zghazagh. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jinforma lill-MEUSEC ghall-ghajnuna biex ma jkunx hemm spejjez ghall-Kunsill.

6.58. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2526/09/I** 12/05/2009 E-mail minghand Outdoor Living Ltd. fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw mountain bike challenge/Treasure Hunt madwar Pembroke nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2009 u nformaw lill-Kunsill li ghal wahda mill-attivitajiet ghandhom bzonn juzaw parti mill-Ex Parade Ground skond il-

pjanta annessa.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2526/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinghata l-permess lil Outdoor Living Ltd. ghall-attivita' bil-mountain bikes fil-parade ground nhar il-21 ta' Mejju bejn is-14:00 u s-18:00.

6.61. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2542/09/I** 13/05/2009 Stedina minn Pembroke Athleta Football Nursery lis-Segretarju, s-Sindku u l-Kunsilliera flimkien mal-partners ghal 'End of Season Presentation Reception' nhar il-Gimgha 12 ta' Gunju 2009 gewwa l-klabb ta' Pembroke Athleta fit-8.00pm.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2542/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2547/09/I** 13/05/2009 E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika fejn b'riferenza ghall-laqhha tal-kumitat li saret fil-11 ta' Mejju 2009 gie deciz li l-Kunsilli Lokali li jaghmlu parti mill-kumitat kongunt jibghatu s-suggerimenti taghhom kif issugerixxa l-Onor. Chris Said dwar ir-riforma f'LES.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2547/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Kunsill tas-Swieqi biex flimkien tinhareg stqarrija u ittra lill-Onor. Chris Said biex iz-zewg Kunsilli jibqghu jaghmlu parti mill-Kumitat Kongunt ta' bhalissa.

6.65. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2555/09/I** 13/05/2009 E-mail mill-MEUSAC fejn staqsew sabiex jekk irid il-Kunsill jista' jikteb artiklu sabiex jigi ppubblikat dwar 'EU Funded Programmes'.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2555/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jinforma lis-Sur Osvalido Zammit mill-MEUSAC biex jipprovdi kull informazzjoni rigward dan il-progett.

6.68. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jipprovdi l-informazzjoni dwar il-kor li kien gie minn Wales.

**46/2633/09/I** 18/05/2009 Agenda riveduta tal-laqgha mill-Ghaqda Anzjani Pembroke li ser issir nhar il-Hamis 4 ta' Gunju 2009 fl-10.00am gewwa l-Kunsill.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2633/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2642/09/I** 19/05/2009 E-mail minghand is-sur Carlo Farrugia fejn informa l-Kunsill bis-servizz li lest joffri l-Kunsilli ta' traduttur, interpretu u ghalliem ta' l-ingliz.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2642/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex izomm nota ta' dan is-sinjur ghal servizz ta' interpretu meta tinhass il-htiega. Il-kelliem ippropona li s-sinjur jigi mitlub jipprovdi lista' ta' hlasijiet ghas-servizzi provduti minnu specjalment ghal servizz ta' interpretu ta' ittri u dokumenti bit-taljan.

6.71. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2644/09/I** 19/05/2009 E-mail minghand il-Lithuanian Aids Centre fejn baghtu konferma li rcievew l-e-mail tal-Kunsill u nformat lill-Kunsill li t-trasferiment tal-flus sar fit-13 ta' Mejju 2009.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2644/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva r-rimburzar tal-flejjes li hareg il-Kunsill ghall-Konferenza gewwa Vilnius Lithuania.

**46/2649/09/I** 19/05/2009 E-mail mill-Kumpanija TCTC fejn b'riferenza ghall-kors ta' l-ETFAL u l-ECDL informa l-Kunsill li ghalkemm il-Kunsill mhux ser jippartecipa fil-progett xorta wahda qed joffru l-opportunita' lir-residenti japplikaw u jattendu fl-eqreb lokal u l-isponsors qablu li ser jissussidjaw dawn l-applikazzjonijiet ukoll.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2649/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2651/09/I** 19/05/2009 E-mail minn Anna Lindh Foundation fejn informaw lill-Kunsill li ghadhom kemm ippubblikaw online sezzjoni sabiex jinstabu partners.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2651/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex izomm dan l-web address f'kaz li l-Kunsill jigi bzonn ta' partners ghal xi progett tal-EU.

**46/2657/09/I** 19/05/2009 E-mail minghand l-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghtu kopja ta' l-invit li rcievew mill-ETC ghall-attivita' li ser issir nhar l-Erbgha 27 ta' Mejju 2009 gewwa Preluna Hotel Sliema bejn is-7.00pm u 8.00pm dwar il-Job Experience Scheme (JES).

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2657/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera sabiex jattendu ghal din ic-cerimonja fil-Preluna Hotel nhar is-27 ta' Mejju organizzata mill-ETC.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm kummenti ghajr li gew riferuti ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha li kien hemm.

7.02. Dwar ir-riforma li qed tigi proposta ghas-sistema ta' l-LES, is-Sindku Joe Zammit stieden lill-Kunsilliera sabiex iressqu l-kummenti taghhom sa qabel id-29 ta' Mejju halli huwa jkun jista' jressaqhom fil-laqgha li jmiss ta' l-LES.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil jiem li gejjien ser iressaq il-programm finali ta' l-attivitajiet ta' Jum Pembroke minn dak li kien approvat bhala draft mill Kunsill, u dan wara li nhar it-Tnejn ser jiltaqa' mas-Sindku Joe Zammit sabiex jikkonkludu l-programm t'attivitajiet. Il-kelliem qal li dan ghandu jintbghat lill-

Kunsilliera ghall-ahhar skrutinju biex b'hekk is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jkun jista' jibda jipprepara l-attivitajiet malghajr kemm jista' jkun.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument D)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li rcieva lmenti li l-pustier tal-Maltapost qed jghaddi minn fuq il-bankina bil-mutur. Il-kelliem ippropona li jsir rapport ufficjali lill-Maltapost.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir irrangar u tisbieh bi planters fuq il-bankina kollha ta' quddiem Blokk 4 Triq Sir Luigi Preziosi u Blokk 3 Triq Bice Mizzi Vassallo bhal ma sar quddiem Blokk 2, li jsiru 2 tabelli li jindikaw li l-parkegg ghandu jkun li s-silencer ikun in-naha ta' gewwa, l'issir tabella ohra fuq is-sinjali li hemm bil-kaxxi sofor ta' No Parking u mat-tabella titwahhal tabella li din iz-zona qed tkun mharsa permezz ta' CCTV camera.

10.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi rrangat il-fence tad-dawra tal-Ground tal-Gnien 4 ta' Lulju inkluz li jsir saqaf tax-xibka.

10.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ghal dan ix-xoghol.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk is-Sur Mark Abela jaccetta li jerga' jaghmel xoghol ta' welding ghall-Kunsill u li x-xoghol ikun bl-istess prezz ipprovdut fil-passat, il-Kunsill qed jaccetta li s-sinjur ikompli jaghmel xoghol ta' welding. Il-kelliem ippropona ukoll li jekk jista' jkun jinsabu persuni ohra ghal xoghol simili.

10.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu avvicinawh membri ta' l-School Council ta' Verdala International School rigward l-approvazzjoni ta' road humps vicin l-iskola. Il-kelliem fakkar li l-Kunsill kien oggezzjona li dawn isiru minhabba il-vicinanza ta' l-iskola u ghax it-triq hija traffikuza hafna imma wara komunikazzjoni li saret mas-Sur Charles Zerafa li qal li kien se jzomm lill-Kunsilliera personalment responsabbli jekk issir xi tragedja fuq it-tfal, huwa kien talab lill-ADT ghall-kummenti

u jew permess biex isiru dawn il-humps ghax mhux il-Kunsill legalment responsabli li dawn isiru. Ghalhekk sal-lum ghad ma ircevejna l-ebda risposta ghalkemm kellna risposta verbali minghad l-ADT li se titla' ghad-diskussjoni quddiem il-bord.

10.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-bicca l-art ta' wara Blokk 5 Triq Falaise li tmiss mal-passagg li kien ghamel il-Kunsill fl-1999 issir bil-konkos sabiex ma jibqax ikun hemm hmieg u rimi ta' imbarazz u tkun kumplimentari ghal mal-passagg/mghodija.

10.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit informa lill Kunsill li l-Kunsill ircieva kliem ta' tifhir minghand hafna residenti tax-xoghol ta' tindif li sar fid-dahla ta' Pembroke wara il Bus Shelter propju fejn jibda il-wied. Il-kelliem qal li ta' min ifakkar li dan ix-xoghol kellu jsir waqt li kien qed isir ix-xoghol ta' tindif tal-fetha ta' quddiem il-blokk tal-Housing fid-dahla ta' Pembroke ukoll. Il-kelliem fakkar fil-hafna kummenti negattivi li rcieva l-Kunsill matul dan iz-zmien minghand residenti dwar il-munzelli ta' hamrija u terrapien li thalla mid-dipartiment tax-xoghlijiet meta tnaddaf il-parti ta' fuq tal-wied u partijiet mill-wied li huma imtarrag biex jinzamm l-ilma. Il-kelliem qal li l-hama u terrapien li kien tnaddaf minn hawn kien intefa hawnhekk u l-Kunsill ghamel tajjeb li naddaf u sebbah din il-parti ukoll u li ta' dan il-Kunsill rcieva kliem posittiv mir-residenti.

10.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi ordnat isem ghal Triq Burma minhabba li ccara.

10.19. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-ADT fejn ikunu prezenti r-residenti koncernati vis-a-vis ir-residential parking scheme.

10.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u fakkar li hemm talba ghal laqgha quddiem ic-Chairman tal ADT is-Sur Fenech Conti.

10.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-persuna responsabbli minn din il-materja ta' l-immanigjar ta' traffiku llum il-gurnata huwa l-Perit David Vasallo u ghalhekk ikun ghaqli li jkun infurmat huwa.

10.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lis-sidien tal-hwienet Il Maccelaio, Pembroke Hardware Store, P & R Ironmongery u San Giorgio Pharmacy, li ghenu fl-attivita' tal-coffee morning.

10.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xtaq juri d-dieqa tieghu ghall-mod kif kien trattat il-Kunsill mill-Principal tal-Kullegg Santa Klara minhabba li l-Kunsill ma kienx mistieden ufficjalment ghal Sports Day li saret wara li l-Kunsill ta donazzjoni b'risq l-attivita' kif ukoll stinka permezz tas-Sindku quddiem il-kumitat tal LES biex jinghataw is-servizz ta' Wardens minghajr hlas. Il-kelliem qal li kieku ma' kienx ghas-sehem u l-ghajnuna tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fit-tfassil ta' din l-attivita', din ma kienetx issir b'mod professjonali. Il-kelliem qal li jhoss li l-Kunsill ma giex ikkalkulat ghalkemm ihoss ukoll li dan ma sarx b'xi ntenzjoni imma ghax forsi il-Principal tal-Kullegg ma tafx il-protokol kif imur f'dawn l-affarijiet u jittama li fir-riforma tal-Ligi tal-Kunsill Lokali ikun hemm dan l-imbierek ta' Protolol l'ilu jissemma

is-snin biex kull Kunsillier f'Malta jinghata il-gieh li jisthoqqlu. Il-kelliem talab li tinkiteb ittra f'dan is-sens.

10.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jinnota ukoll li li l-Kunsill lanqas biss kien mistieden ufficjalment ghal Jum il-Premjazzjoni ta' Bice Mizzi Vassallo bhal ma jsir issoltu u jekk l-invit intbghat lis-Sindku d-dar, huwa qal li jhoss li sar zball u qal li jittama li la l-iskola tmur fil post il gdid l-affarijiet isiru ahjar u kif diga semma jigi esegwit il-protokol.

10.28. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-dirigenti ta' l-iskola Bice Mizzi Vassallo kienu nfurmawh li kienu baghtulu invit bl-idejn id-dar, dak in-nhar li kien prezenti mad-delegazzjoni ta' Wales liema invit huwa qal li ma kienx wasal id-dar. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra jaqbel mal-kummenti tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u zied li l-iskejjel ghandhom jigu nfurmati biex kull stedina lill-Kunsill tkun indirizzata lill-Kunsill Lokali Pembroke.

10.29. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex jinxtraw 6 sigar taz-zebbug ohra halli jithawwlu fil-gnien ta' San Patrizju u dawn jithawwlu f'nofs Ottubru biex jilhqu x-xita. Informa ukoll lill-Kunsill li l-area li hemm bzonn tizdied bil-hamrija hija ta' 33 sq meters b'gholi ta' zewg piedi.

10.30. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.32. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex isir embellishment semplici fil-bicca art iddisturbata fi Trejqet Patri Odorik Grima li tmiss man-naha ta' wara ta' Blokk 7 halli ma tibqax isservi ta' dumping site billi issir kisja konkos, tissewwa il-bankina/pjattaforma ta' zmien is-servizzi u jitpoggew xi zewg bankijiet halli sservi ghall-hin hieles tar-residenti u tkun komplimentari mal-gnien li hemm fil-vicin.

10.33. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.35. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur J & K Ltd. dwar ix-xoghol li kien sar fuq il-giebja ghax jidher li hemm xi xquq li kienu trangaw l'izda xorta ghad qed taghmel l-ilma minnhom

10.36. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.38. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg sejha ghal servizz ta' taghlim akkademici fil-Kunsill Lokali Pembroke.

10.39. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.41. B'riferenza ghall-kwotazzjonijiet li ngabru ghall-printing ta' flokkijiet, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta tal-kumpanija Clearprint Malta abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Il-kelliem ippropona li jinxtraw 200 flokk u li fuqhom isir il-logo tal-Kunsill.**(Ara dokument F, G u H)**

10.42. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.44. Il-laqgha ntemmet fit-8.15 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 3 ta’ Gunju 2009 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**